IL-BELT VICTORIA

VR

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA` SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

**Mejju - Gunju 1995** *Nru. 84*

## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

***F'din il-ħarġa tal-Belt Victoria qed inwasslulkom erba' ritratti u l-ismijiet tat-tfal kollha li din is-sena irċivew l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof fil-Parroċċa tagħna, fis-17 u 19 ta' Mejju rispettivament.***

***Huma ġranet sbieħ, li jistennewhom it-tfal kif ukoll il-ġenituri, parrinijiet u qraba. Huma ġranet li għalina huma ta' sodisfazzjon kbir għaliex naraw il-frott ta' ħidma ta' tagħlim li tibda' minn snin qabel, iżda li tilħaq il-quċċata tagħha f'dawn il-jiem.***

nisranija li suppost jagħtuhom.

Għall-grazzja t'Alla aħna f'pajjiżna għandna minn jgħinna f'din il-biċċa xogħol xejn ħafifa. Dawn huma l-Katekisti tagħna. Dawn huma dawk il-persuni ġenerużi, li wara ġurnata xogħol, tarahom imorrulek fiċ-Ċentri tad-Duttrina sabiex hemmhekk jgħallmu lill-uliedna.

Aħna lkoll nafu x'tfisser "tgħallem".

# WARA L-PREĊETT U L-GRIŻMA

Nixtieq li bħalma diġa għamilt dak in-nhar tal-Preċett u tal-Griżma ngħid Grazzi minn qiegħ qalbi lit-tfal, lil ġenituri kif ukoll lill-parrini tal-koperazzjoni li taw matul iż-żewġ okkażżjonijiet kif ukoll matul is-sena kollha, kemm bl-attendenza għad-Duttrina, kif ukoll bl-attenzjoni, l-interess li urew fil-laqghat kollha li sarulhom.

Biss illum irrid ninqeda b'dan il-messaġġ sabiex niġbed l-attenzjoni ta' kulħadd fuq il-Katekisti u fuq iċ-Ċentri tad-Duttrina tal-Parroċċa tagħna.

Huwa fatt li l-ewwel għalliema ta' l-ulied huma l-ġenituri stess. Mhux biżżejjed li nnisslu u nġibu tarbija fid-dinja, iżda irridu naraw ukoll li dik it-tarbija tikber u tingħata formazzjoni nisrani soda, ħalli imbagħad tkun tista' timxi 'l quddiem fil-ħajja tagħha.

Minħabba f'hekk huwa dmir tal-ġenituri li jagħtu din il-formazzjoni; formozzajoni soda mogħtija fil-forġa tal-familja hija l-aqwa u l-isħeħ



formazzjoni li qatt tista' tingħata. Iżda dan mhux dejjem jista' jseħħ mija fil-mija. Hemm ġenituri li avolja jridu, iżda jkunu jeħtieġu l-għajnuna; għandna oħrajn li disgrazzjatament iktar mehdija li t-tifel jew it-tifla tagħhom jimxu 'il quddiem f'dik li hija skola, milli jimpurtahom dwar l-formazzjoni

Kemm preparazzjoni, kemm tattika, kemm paċenzja, kemm imħabba. Jiena ċert li ħadd minna ma hu kapaċi jħallas lil dawn il-Katekisti tax-xogħol li qed iwettqu volontarjament mat-tfal tagħna. Ix-xogħol tagħhom hu imprezzabbli. Hu Alla li jħallas lil dawn il-persuna ta' qalb kbira.

Iżda b'daqshekk ma jfissirx li aħna għandna xi dritt li ninjoraw l-impenn tagħhom. B'daqshekk ma jfissirx li nibqgħu għaddejjin u qisu ma ġara xejn. U l-anqas ifisser li ma nagħtux każ ta' dak li qed jagħmlu huma minflokna. Daqskemm lanqas ifisser li għandna neħduha kontra tagħhom meta forsi jifthulna għajnejna u jgħidulna xi ħaġa fuq uliedna li tkun sejra żmerċ.

Huwa dmir tagħna lkoll li ngħidu

*ikompli f'paġna 6*

IL-BELT VICTORIA

*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*

*Uffiċċju Editorjali:*

Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

16.04.95: ANTONIA, bint John Tabone u Carmen nee' Vella
23.04.95: ANDREW, iben Mario Buhagiar u Frances nee' Spiteri
23.04.95: AGATHA GEORGENE, bint Saviour Cremona u Antoinette nee' Farrugia
13.05.95: ANGELICA, bint Paul Agius u Salvina nee' Said
14.05.95: MARK ANTHONY, iben Melchiorre Cremona u Marica nee' Mercieca
14.05.95: STEFAN, iben Joseph Grech u Vivienne nee' Azzopardi
14.05.95: TIFFANIE-MARIE, bint Dr. Godfrey Borg u Sylvana nee' Galea.

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

30.03.95: Nazzareno Farrugia u Natalie Azzopardi
01.05.95: Emanuel Grech u Maria Dolores Cassar
07.05.95: Simon Stanley Farrugia u Mary Carmelina Buttigieg

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

01.04.95: Giacinta L. Zammit
02.04.95: Joseph Galea
10.04.95: Salvu Galea
15.04.95: Luigia Farrugia
18.05.95: Antonietta Pace
06.05.95: M'Antonia Micallef
07.05.95: John Attard
08.05.95: Paolino Saliba
22.05.95: Nikola Grech

## Il-Banda La Stella f'Tas-Sliema

Għal darb'oħra din is-sena l-Banda Cittadina La Stella ġiet mistiedna tieħu sehem fil-Festa Titulari ta' Stella Maris tas-Sliema, li se ssir nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju. għall-okkażjoni l-Banda se tagħmel Marċ mat-toroq ewlenin tal-parroċċa u wara Programm Mużikali. Il-Banda tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha, Joseph Vella.

Għadd sabiħ ta' partitarji mistennija jingħaqdu mal-Banda f'Ġita li s-Soċjetà se torganizza dak in-nhar wara nofs in-nhar. Biljetti għal din il-mawra f'tas-Sliema jinkisbu mingħand il-membri tal-Kumitat.

# Editorjal...

## NAĦSBU MINN ISSA GĦALL-FESTA

Nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju tajna bidu għad-Disa' Ħamisijiet bi tħejjija għall-festa tagħna - il-festa tal-Megalomartri San Ġorġ li din is-sena tilħaq il-qofol tagħha nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju.

Id-devozzjoni tal-Ħamisijiet nagħmluha biex inħejju ruħna spiritwalment għall-festa titulari. Ma rridux ninsew li l-festa għandha tkun għalina spinta 'l quddiem fil-mixja tagħna hawn fuq l-art billi nimitaw lill-Prinċep tal-Matri Ġorġi tagħna fil-ħajja hawn fuq l-art. Kull nhar ta' Ħamis għandna nisimgħu quddiesa u jekk jista ikun il-quddiesa ta' fil-għaxija li fija nieħdu xi tagħlima dwar San Ġorġ. Għandna nħossu dan bħala dover u dmir tagħna. Dnub li forsi hawn min jaqta' qalbu minn priedka ta' ftit minuti u jipprova jiskarta din il-quddiesa.

L-Imħabba u l-għożża li ngħidu li għandna lejn il-Patrun tagħna ma nuruhix biss fil-ġranet sbieħ tal-festa bil-marċijiet u l-isparar, imma nuruha wkoll billi matul il-Ħamisijiet nitħejjew spiritwalment għal dan l-avveniment importanti fil-ħajja tal-parroċċa tagħna. Jekk forsi dak li jkun minħabba xi mpenji li jkollu ma jkunx jista' jattendi l-quddiesa tal-Ħamisijiet għandu l-ewwelnett jara li jisma' quddiesa oħra u fid-dar, dak in-nhar, flimkien mal-familja jiftakar f'din it-tħejjija. Uliedna b'hekk iridu huma wkoll jitrawwmu fl-imħabba ġenwina lejn San Ġorġ.

Hija ħaġa naturali li barra din it-tħejjija nieħdu ħsieb dak kollu li jkun hemm bżonn isir biex il-festa tirnexxi. Dan l-impenn tieħu ħsiebu s-soċjeta' La Stella li għal iżjed minn mitt sena ilha nkarigata mill-festi esterni.

Iżda din is-sena qed nistinkaw bil-kbir biex ix-xogħolijiet kbar f'wieħed mill-kampnari jitlesta fil-ħin wara ħafna taqtigħ ta' qalb. Filwaqt li nirringrazzjaw lil minn qed jimpenja ruħu f'dan il-proġett, li ser jiswa eluf kbar ta' liri, nerġgħu mill-ġdid nappellaw lil kull min għandu għal qalbu l-parroċċa tagħna biex jgħin kemm jista' f'din l-inizjattiva. Ġa kien hemm bosta li kienu ġenerużi, pero' żgur li għad baqa' ħafna wkoll li għadhom jistgħu jagħmlu l-parti tagħhom.

J'Alla meta tasal il-festa, il-qalb tagħna, li nkunu ħadna ħsieb nħejjujha bit-tagħlim dwar San Ġorġ, timtela bil-ferħ bid-daqq tan-noti ħelwin tal-qniepen tagħna.

# ĠIMGĦA EWKARISTIKO-LITURĠIKA

*Il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika nżammet fil-parroċċa tagħna bejn il-Ħadd 14 ta' Mejju u l-Ħadd 21 ta' Mejju li għadda. Fost l-attivitajiet l-iktar importanti kellna l-Ewwel Tqarbina u lamministrazzjoni tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni lil numru ta' tfal mill-Parroċċa. Ta' min irodd ħajr lill-katekisti li matul dawn l-aħħar snin wasslu lil dawn biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina jew il-Griżma ta' l-Isqof. Il-Ġimgħa Ewkaristiko liturġika ġiet fit-tmiem tagħha bil-Kwaranturi. Il-Kwaranturi Solenni għalqu b'Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons Isqof u Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament mat-toroq ta' Beltna. Bħal ma' kien isir fl-imgħoddi ngħatat il-Barka Sagramentali quddiem il-Knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza. Sakemm dan ma setax isir it-tieni Barba Sagramentali kienet qed issir fi Triq Palma.*



***IT-TFAL BNIET LI RCEVEW L-EWWEL TQARBINA – 17 - 5 - 95***

Amanda Attard, Larissa Axiak, Vanessa Azzopardi, Maria Bajada, Sarah Casha, Charmain Cassar, Kristen Marie Cauchi, Marisabelle Debono, Elaine Falzon, Christiana Farrugia, Isabelle Farrugia, Stephanie Fenech, Maria Formosa, Renata Formosa, Maria Galea, Marilyn Gatt, Rebecca Grech, Marion Mercieca, Nadine Mizzi, Jennifer Muscat, Sandra Portelli, Cynthia Said, Anna Saliba, Angele' Scicluna, Katya Scicluna, Ramona Spiteri, Andria Vella, Ruth Vella, Amanda Xuereb.



***TFAL SUBIEN LI RCEVEW L-EWWEL TQARBINA – 17 - 5 - 95***

Gerald Agius, Christian Apap, Anthony George Attard, George Attard, Manuel Attard, James Borg, Josef Borg, Stephen Borg, Errol Briffa, George Camilleri, David Cauchi, James Cini, Kenneth Victor Cini, George James Cutajar, Joseph Farrugia, Josmar Farrugia, Emanuel Fenech, Andrew Formosa, Cory Formosa, Mark Formosa, Steven Galea, Kevin Gauci, Andrew Grech, Melvin Grech, Thomas Grech, Donald Micallef, Christopher Mizzi, George M. Mizzi, Daniel Joseph Pace, Lauren Lee Pavia, Shaun Portelli, Trevor Portelli, Fabio Schembri, Sergio Sillato, Savio Spiteri, Andrew Tabone, Andre' Xuereb, Reuben Zammit.



**TFAL BNIET LI RCEVEW IL-GRIZMA TA' L-ISQOF *– 19 - 5 - 95***

Christabel Attard, Connie Attard, Lesley Ann Attard, Caroline Borg Sacco, Daniela Bugeja, Marica Camilleri, Isabelle Cassar, Ramona Marie Cassar, Catriona Cini, Diane Maryanne Farrugia, Tessie Farrugia, Natasha Farrugia Muscat, Charlene Galea, Elizabeth Grech, Romina Grech, Claire Harvey, Marianne Sagona, Josianne Saliba, Alessandra Tabone, Elaine Theuma, Sue Ellen Vella, Vincienne Xuereb.



**TFAL SUBIEN LI RCEVEW IL-GRIZMA TA' L-ISQOF *– 19 - 5 - 95***

Kenneth Agius, Shawn Agius, George Apap, Shawn Attard, Franco Azzopardi, Anthony Borg, Victor John Borg, Simon Bugeja Pace, David Camilleri, Steve Cassar, Franz Josef Cauchi, Silvio Cini, Samuel Fenech, Michael Formosa, Emanuel Grech, Richard Mercieca, Noel Micallef, Eric Portelli, George Portelli, Jonathan Anthony Sacco, Mario Said, Michel Saliba, Jonathan Spiteri, Frank Anthony Tabone, Savio Vassallo.

**PELLEGRINAĠĠ IEĦOR**
**GĦAL-LOURDES**
**mill-31 ta' Lulju sal- 5 ta' Awissu '95**
**immexxi minn Mons. Arċipriet**
*Iktar tagħrif u Booking mingħand l-Arċipriet*
**~ FADAL BISS FTIT POSTIJIET ~**

*Lafayette*
***Photo Studio***
**St. George's Square, Victoria, Gozo.**
***for professional work...***

# Minn Qasam l-Arti f'San Ġorġ (3)

*kitba tal-*
*Kan. Dun Nikol Vella Apap*

## Il-Pittur Guzeppi D'Arena
(Seklu XVII)

Pittur magħruf f'Malta u fil-kontinent huwa Ġużeppi D'Arena. Twieled madwar is-sena 1643. It-tifkira tal-mewt tiegħu fil-Parroċċa ta' Porto Salvo fil-Belt Valletta , tgħid li miet fl-1719 fl-eta' ta' 76 sena.

D'Arena għamel xi żmien jistudja f'Ruma. Opimpja D'Arena mietet fl-1681, imma r-reġistrazzjoni taż-żwieġ tagħha mal-pittur Ġużeppi D'Arena hu dokument ta' importanza kbira għaliex jagħtina l-ewwel ħjiel tal-preżenza ta' żewġha fil-gżejjer Maltin. Ġużepopi D'Arena u martu Opimpja kellhom mill-inqas żewġt itfal, Giovanni Battista u Cleutacio.

Wara l-mewt ta' martu Olimpja, Ġużeppi D'Arena għadda għat-tieni żwieġ tiegħu ma Teresa Manuni. Il-pittur Ġużeppi D'Arena flimkien ma' martu Teresa, in-neputija tiegħu Giovanna Rosa D'Arena u l-iskjava tal-familja Madalena u bintha Diana, kienu lkoll jabitaw f'dar quddiem il-palazz ta' l-Isqof fil-Belt Valletta. Ġużeppi D'Arena miet fis-7 ta' Lulju 1719 u difnuh fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta.

Fost il-kwadri dokumentati ta' Ġużeppi D'Arena xieraq li nfakkru l-lunetta ta' San Bastjan quddiem il-Papa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, l-Adorazzjoni tal-Maġi fil-Knisja tal-Karmnu fil-Belt Valletta, il-Madonna; flinkien ma' S. Rokku u San Bastjan fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Lija, kif ukoll il-kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tar-Rabat ta' Malta (1).

Kwadri oħra tal-pittur D'Arena huma Sant Agata fil-knisja tal-Monasteru tas-Sorijiet ta' San Pietru; San Nikola ta' Bari fil-kappella ta' l-isptar ta' Sawra mpinġi fl-1694; l-Axxenzjoni tas-Sinjur Tagħna fis-sena (1683) u Sant Anna jinsabu fil-knisja ż-żgħira Sn Ġiljan u l-Assunta fil-knisja tal-Madonna tal-Ħniena qrib il-Qrendi maħdum fl-1690. Kwadri oħra huma dak ta' l-Assunta fil-knisja ta' Santa Marija tal-Ftajjar f'Ħal-Luqa; dak ta' San Biagio, Isqof Martri li tpitter fl-1692; San Ġużepp fl-Oratorju tal-Knisja tal-Patrijiet Minuri Osservanti r-Rabat u San Pietru u San Pawl f'lunetta tal-kappella ta' San Bastjan fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

F'Għawdex fil-Knisja Katidrali nsibu ċ-Ċena ta' l-Appostli fil-Kappellun tal-lemin. Fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ insibu żewġ kwadri ta' Ġużeppi D'Arena: San Lażżru u Santa Katerina Verġni u Martri. (2)

**Bibblijografija:**

1. Festi ta' San Ġorġ Għawdex. Lulju 1988. Il-Belt Victoria tiċċelebra Festi Solenni F'Gieħ il-Qaddis Patrun t'Għawdex San Ġorġ. 10-17 ta' Lulju 1988. L-Artal ta' San Lażżru Bejn l-1621 u l-1781. Minn Dr. Eugene Montanaro LL.D. pp. 27,28.
2. Rob. Mifsud Bonnici. Dizzjunarju Bijo-Bibjlografiku Nazzjonali. p. 159

# IMUT L-EWWEL KANONIKU ONORARJU TAL-KAPITLU ĠORĠJAN



Nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 1995 xterdet l-aħbar tal-mewt tal-Wisq Rev. Kan. Onor. Dun Anton Cefai, li kien joqgħod l-Imdina. Huwa kellu wieħed u disgħin sena.

Din l-aħbar niktitna għall-aħħar, għaliex il-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria kienet tilfet l-ewwel membru tal-Kapitlu tagħha, Ġorġjan fil-veru sens tal-kelma u Benefattur kbir tal-Bażilika.

Dun Anton Cefai twieled fil-4 ta' Ġunju 1904 minn Antonio Cefai u Anna nee' Muscat. Hu ġie mgħammed fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, l-għada 5 ta' Ġunju u ġie mogħti l-ismijiet ta' Antonio, Francesco u Luigi.Hu kien ġie ordnat saċerdot mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi fil-21 ta' Awissu 1931. Huwa ċċelebra l-Ewwel quddiesa solenni tiegħu ġo San Ġorġ.

Fl-1945 Dun Anton mar joqgħod Malta wara li qatta' sittax-il sena bħala Kappillan tal-Kor tal-Knisja Kattedrali. għall-37 sena sħaħ huwa kien Viċi-Parroku tal-Kattidral ta' Malta, u mill-1964 sa ftit tas-snin ilu huwa ta servizz ta' Cerimonjier Kapitulari. Huwa dan Kappillan tal-Arċisqof Mons. Gonzi kważi 12-il sena.

L-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan għoġbu jaħtar lil Dun Anton bħala Kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ. In-nomina ta' kanoniku Onorarju ħarġet fl-24 t'April 1989.

Għalkemm kien jgħix Malta, qalbu u moħħu kienu dejjem marbuta mal-Parroċċa tagħna ta' San Ġorġ. Huwa kien jiġi għall diversi festi u attivitajiet li jsiru matulek ja sena, u b'mod speċjali għall-festa ta' san Ġorġ li tiġi ċċelebrata fit-tielet Ħadd ta' Lulju. Kien biss dawn l-aħħar sentejn li l-mard impedih li jiġi jaqsam magħna l-festa tal-Patrun tal-Gżira Għawdxija.

Lil Kan. Onor. Dun anton Cefai ngħidulu grazzi ta' l-eżempju li dejjem tana dwar kif għandha tkun l-imħabba ġenwina lejn San Ġorġ, u fil-waqt li nagħtu l-għomor lil qrabatu inwegħduh it-talb tagħna.

Hemm il-ħsieb li f'data li titħabbar aktar 'il quddiem, il-Kapitlu u l-Presbyterium Parrokkjali ta' San Ġorġ jorganiżżaw Konċelebrazzjoni Solenni b'suffraġju għal ruħu.

†

*Ix-Xahar ta' Mejju huwa meqjus bħala x-xahar tal-Madonna. Fih jiġi ċċelebrat wkoll JUM L-OMM. Jinkitbu ruxmata ta' ħsebijiet mill-isbaħ; isiru laqgħat bl-addoċċ; kull familja tipprova, għall-inqas darba f'sena tpoġġi l-attenzjoni kollha tagħha fuq il-figura ta' l-OMM. Iżda, jgħaddi Mejju, jgħaddi Jum l-Omm, u ħafna drabi, minkejja l-proponimenti sbieħ li jkunu saru, jintesa kollox, u kollox jerġa jsegwi r-rutina tiegħu.*

*Bħala kontribut siewi biex dan li qed ngħidu ma jseħħx, il-"*BELT VICTORIA*", qed twasslilkom traduzzjoni ta' Artiklu ta' Bruno Ferrero, li deher fil-"*Bolettino Salesiano*", fil-ħarġa ta' Mejju 1995*

# Omm bħal Mamma Margherita

L-ewwel tifkira ta' Don Bosco hija l-id ta' ommu. Giovannino kellu biss sentejn u ma riedx joħroġ mill-kamra fejn kien għadu kif ta l-aħħar nifs tiegħu missieru. Jgħidilna hu stess: "Imsejken ibni", qalet ommi, "ejja miegħi, int ma baqgħalekx iżjed missier!"

Hekk kif qalet dawn il-kelmiet infexxet f'bikja kbira, żammitli idi f'idejha u ġibditni lejn kamra oħra; filwaqt li anke jien bdejt nolfoq u nibki għaliex kont qed nara lilha tibki."

L-id ta' Mamma Margherita, inħasset soda iżda fl-istess ħin ħelwa u ta' konsolazzjoni: hija kienet deċiża li ma tħalli qatt weħidhom lill-uliedha. L-ewwel messaġġ importanti tagħha kien: "Nistgħu niġu milquta, iżda jeħtieġ li nibqgħu għaddejjin, u jiġri x'jiġri lili dejjem ser issibuni magħkom!" Kellha biss 29 sena meta qalet dawn il-kelmiet.

Mamma Margherita hija "Omm Moderna"; ir-responsabbilta' tal-familja kienet kollha kemm hi fuqha.

Illum, l-ommijiet huma weħidhom b'ħafna modi. Minħabba l-fatt li għandhom xogħol doppju, id-dar u barra mid-dar, kif ukoll, bħalma huma l-parti l-kbira minnhom, mitluqin weħidhom biex jieħdu ħsieb l-edukazzjoni ta' uliedhom. "Żewġi ma jinteressax ruħu mill-edukazzjoni ta' uliedna!", igħidulek, kważi kważi biex jiġġustifikaw distrazzjoni li fir-realta' kollha hija ħtija gravi.

Mamma Margerita hi qabel xejn ***preżenti.*** Hi bidwija ta' bla skola, iżda kulħadd jgħidlek b'ċertezza ir-rwol determinanti ta'



Mamma Margerita fil-formazzjoni ta Giovanni Bosco. dawk tagħha kienu tagħlimiet sempliċi iżda fl-istess ħin kbar ħafna. Per eżempju:

❑ Deċiżjoni u Kuraġġ: l-ewwel ingredjenti biex tirnexxi. Ħadd qatt ma ra lil Don Bosco b'qalbu maqtugħa. U l-anqas ommu.

❑ Fil-Familja kulħadd irid jagħti daqqa t'id. Mamma Margerita darriet sa mill-bidu lill-uliedha biex jagħtu sehemhom fid-dar u fl-għelieqi. Giovanni tgħallem is-sengħa ta' ħajjat, ta' mastrudaxxa, ta' barista u anke barbier. Ġewwa "Valdocco" ħadd ma kien jiġi mħajjem. Meta xi tfajjel kien imur jiġri ħdejn Mamma Margerita biex twaħħallu xi buttuna li tkun inqatgħetlu, hija kienet tagħtih labra u ħajta, u tgħidlu: "Għaliex ma tippruvax twaħħalha inti stess? Jeħtieġ li titgħallem tagħmel kollox!"

❑ Jeħtieġ li n-nervi jiġu dominati. Bil-paċenzja u bil-ħlewwa irnexxielha tirbaħ lil Antonio mill-aggressivita' li kien jinsab fiha. B'attenzjoni tassew kbira hija segwiet il-mixja ta' Giovannino: "Giovanni kellu fih dak is-sentiment ta' sigurezza f'dak li jagħmel li setgħa b'ħeffa kbira jwaqqgħu fis-suppervja; u Margerita ma ddejjqitx twaqqaf dawk il-kapriċċi żgħar sa mill-bidu nett tagħhom", igħid Lemoyne.

❑ It-tilwim u l-inkompresjonijiet ma jintrebħux bl-għajjat u bid-diskussjonijiet. Mamma Margerita għarfet li Antonio kellu ftit tar-raġun li ma setgħax jifhem ix-xewqa kbira li Giovanni kellu biex jistudja, u ndaħlet bejniethom. Anke jekk wisq probabbli kellha d-dmugħ iġelben ma' ħaddejha meta lestietlu s-sorra bil-ħwejjeġ u rat lil Giovanni jitlaq sabiex jibda jaħdem il-bogħod mid-dar.

❑ **It-tfal għandhom triq li fiha jeħtieġu li jiġu akkumpanjati.** Hekk kif ittendiet bil-vokazzjoni ta' binha, Margerita qaltlu ċar u tond: " Ismagħni sewwa, Giovannino! Jiena rrid li inti taħsibha sewwa u bil-kalma. Meta taħseb li tkun ddeċidejt, imxi fit-triq li tkun għażilt, mingħajr ma thares lejn wiċċ ħadd. L-Iktar ħaġa importanti hi li inti tagħmel dejjem

*aqleb* ☛

# Ir-Rokna tat-Tfal

Għeżież tfal,

Iż-żmien jgħaddi u intom tikbru. Mhux into biss, tafux, imma anke aħna l-kbar nikbru u nixjieħu. L-eżamijiet tal-Junior Lyceum u tas-Seminarju għaddew b'wiċċ il-ġid. Issa qegħdin tistennew ir-riżultat b'ħerqa kbira. Nittama u nitlob li jkun wieħed tajjeb. Iżda hemm xi wħud minnkom li għad iridu jagħmlu l-eżamijiet. Lil dawn nawguralhom ukoll li jmorru tajjeb. Basta jitħejjew tajjeb, pero'.

Tfal, intom tafu tajjeb li għandkom id-dmir li tistudjaw, tħabirku u tirsistu ħalli timxu dejjem 'il quddiem gil-ħajja. Jekk dan id-dmir ma taqduhx, għad forsi jiddispjaċikom meta tikbru u tgħidu kemm nixtieq−u li tgħallimna meta konna żgħar!.

Aqraw dil-istorja ċkejkna.

Il-Mulej niżel fil-foresta u beda miexi qalb l-annimali. F'idejh kellu qargħa ħamra. Talabhom biex joqgħodu għassa magħha sakemm jerġa' jiġi lura. għadda ħafna żmien u l-annimali ħasbu li l-Mulej nesa u għalhekk ħafna minnhom telqu lejn djarhom.

Il-kelb biss baqa' hemm...... għassa mal-qargħa, u minkejja l-bard u l-ksieħ u l-ġuħ, xorta baqa' f'postu........ għassa u jistenna. Meta l-Mulej ġie lura, saħan bis-sħiħ li l-annimali l-oħra ma baqgħux għassa. Fetaħ il-qargħa ħamra u minnha ħareġ l-ewwel bniedem. Il-Mulej kellem lill-annimali u qalilhom: "Dan se jkun ir-Re tagħkom. Iġegħelkom taħdmu u meta jkun bil-ġuħ, jikolkom. Iżda l-kelb jibqa' qisu bħala l-akbar ħabib tiegħu......jibnilu fejn jorqod u jagħtih mill-ikel li jkun sajjar għalih innifsu".

Leġġenda tat-tfal........ iżda tgħallimna li meta nagħmlu dmirna, ma jiddispjaċiniex!

Tfal, l-aħħar ħaġa qabel nagħlaq tmur għal dawk it-tfal li dan l-aħħar għamlu l-Ewwel Tqarbina u l-oħrajn li rċivew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Qisu li titqarbnu jekk jista' jkun kuljum u titqarbnu sewwa. Qisu li tkunu dejjem suldati ta' Kristu u tiddefendu bi sħiħ il-Fidi tagħkom.

Għal-lum dak kollox, tfal. Sakemm nerġgħu niltaqgħu, saħħa u l-Barka t'Alla tinzel fuqkom.

Tata'

*Iz-Ziju Peppi*

---

*jaqbad minn paġna 5*

# Omm bħal Mamma Margherita

ir-rieda ta' Alla. Il-Kappillan iridni inbiddillek il-ħsieb li għandek, għaliex il-quddiem jista' jkun li niġi bżonnok. iżda jiena ngħidlek: f'dawn l-affarijiet ommok ma tidħolx. L-ewwel u qabel kollox hemm Alla. Jiena ma rrid xejn mingħandek, ma jiena nistenna xejn mingħandek."

❑ **Il-ferħ u s-serenita' huma l-melħ tal-ħajja.** Mamma Margerita kienet tgħasses, iżda mhux b'mod suspettuż. Kienet taf iċċanfar bit-tbissima. Kienet kapaċi tieħu id-dinja biċ-ċajt. Meta ħalliet warajha l-ġenna bħala pensjonanta ġo Becchi, biex tmur ma' Don Bosco f'periferija kerħa u ta' fama xejn sabiħa, kienet tkanta ma' binha:

***"Guai al mondo se ci sente forestieri e senza niente!"***

(Ħażin ikun għalina jekk inħossuna barranin u foqra fid-dinja tagħna).

❑ **Li titkellem, tiddjaloga, tirrakkonta** huma mumenti vitali għall-ħajja familjari. U ma rridux ninsew li fid-dar ta' Becchi kien hemm anke ħin biex nirrakkontaw il-ħolm.

❑ **Il-kuxjenza morali hija l-gwida fundamentali.** Sa minn meta kienu għadhom żgħar, ulied il-familja Bosco tgħallmu jagħmlu għażla bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin, bla ebda ipokresija u l-anqas makakkerija. Kienu jafu eżattament dak li kellu jagħmlu u dak li kellhom jaħarbu.

❑ **Nitgħallmu dwar Alla fil-familja.** It-talb, il-katekiżmu, is-sens ta' Providenza, is-sagramenti, l-opri tal-karita': dawn kollha Giovannino Bosco tgħallimhom f'ħoġor ommu. F'dak il-post nibtet is-sistema edukattiva ta' Don Bosco.

# Il-Kelma ta' l-Arcipriet

*Jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

GRAZZI lil dawn il-Katekisti.

Huwa DMIR tagħna:

◆ Li nuru l-apprezzament tagħna f'dak kollu li qed jagħmlu għalina u għall-uliedna.

◆ Li ngħinuhom bil-mezzi li Alla jkun tana sabiex huma ukoll jkunu jistgħu jagħtu s-servizz tagħhom fuq linji moderni kif jitolbu ż-żmenijiet ta' llum.

◆ Li ma nħottux dak li huma tant b'paċenzja jkunu bnew: bl-ezempji ħżiena tagħna fil-familja, eċċ.

◆ Li naraw li uliedna jibqgħu imorru għad-Duttrina, anke wara l-Ewwel Tqarbina u wisq u wisq iktar wara l-Griżma ta' l-Isqof.

Jiena ċert li fil-Jum tal-Ġudizzju il-Katekisti tagħna jisimgħu lil Ġesu' igħidilhom: *"Idħlu fis-Saltna ta' dejjem, għax intom lit-tfal ta' madwarkom mhux tazza ilma biss tajtuhom, iżda nissiltu fihom imħabba lejja, u tajtuhom formazzjoni soda, biex għamiltu minnhom insara maturi u ċittadini onesti!"*

Ara ma jkunx hemm xi omm jew missier li fil-Jum tal-Ġudizzju jisimgħu lil Ġesu' jgħidilhom: *" Boloh li intom! Bgħattilkom minn jgħinkom fil-formazzjoni ta' uliedkom, u intom mhux biss ma kkoperajtux magħhom, iżda forsi ukoll fixkiltuhom, maqdartuhom, u telliftuhom. Issa hemm biss il-kastig!"*

*L-Arcipriet.*

## ☞ Donazzjonijiet għar-Rivista

| | |
|---|---|
| Emm. Zammit (Awstralja) | Lm10 |
| N.N. (Victoria) | Lm 2 |
| Rev.Ġ.Gauci | Lm 2 |
| N.N. (Żebbuġ) | Lm 2 |

# KUNĊERT TA' MUŻIKA SAGRA MATUL IL-ĠIMGĦA MQADDSA

Il-kunċert ta' Mużika Sagra li nżamm f'San Ġorġ nhar it-Tnejn 10 ta' April 1995 kien rigal f'egħluq l-20 sena mit-twaqqif tal-Chorus Urbanus lill-udjenza matura li ħonqot il-Bażilika.

Il-prebiterju spazzjuz kien il-pak ta' din il-lejla eċċezzjonali. Fuq kollox l-akustika perfetta tal-knisja kellha parti kbira mis-suċċess.

Wieħed ma jistax jikteb dwar dan il-kunċert mingħajr ma jsemmi l-kantanti solisti, li tnejn minnhom, Tsutomu Omae u Eva Krammer inġiebu minn barra. Hawn ħalla mpressjoni enormi it-Tenur Omae u wera li hu ta' klassi. Mhux daqstant kunfidenti kienet il-Mezzo Sopran Krammer fis-siltiet Mozartjani, minħabba ndispożizzjoni li sofriet xi siegħat qabel.

Żgur li l-preżenza tas-solisti Għawdxin, is-Soprani Yvonne Galea u Rosabelle Pavia u l-Baxx Noel Galea f'din il-lejla memorabbli kienet l-għaxqa ta' kulħadd. Il-vuċi tagħhom, soda, qawwija, b'noti ċari u timbru li jpaxxi l-widna, saħħret lil kulħadd, u komplew ikkonfermaw l-abbilta' vokali tagħhom. Daqstant ieħor brillanati kien il-Vjolinċellista Simon Abdilla Joslin.

Il-kor ma naqsax li jagħti sehemu f'din l-okkażjoni unika. B'vuċijiet kontrollati u teknika liema bħalha. il-kor esegwixxa s-siltiet mponenti li bihom żamm l-udjenza msammra.

Is-Surmast John Galea, kien fattur ewlieni biex il-kunċert ħareġ kif ħareġ. Kemm fid-direzzjoni u kemm fuq il-pjanu hu kien impekkabbli, u deher tassew li hu l-moħħ u l-qalb tal-Chorus Urbanus.



Ta' min ifaħħar ukoll ix-xogħol ta' Joseph Cauchi għall-mod kif ipprepara l-kor, u tas-Sinjorina Thekla Schropp, pjanista li għenet waqt il-provi.

Dan kien aktarx wieħed mill-iktar kunċerti ambizzjużi li ngħata mill-Kor minn mindu twaqqaf, u ser jibqa' f'moħħ id-dilettanti tal-mużika li attenddew għalih; kunċert l jagħmel unur mhux biss lil dawk li organiżżawh jew ħadu sehem fih, iżda wkoll lil pajjiżna.

Is-suċċess miksub, bħal f'okkażjonijiet oħra, għandu jqawwi qalb l-organiżżaturi biex jidħlu għal iktar rappreżentazzjonijiet ta' din ix-xorta.

Ringrazzjament speċjali jmur għall-Kunsill tal-Kultura ta' Għawdex li kkollabora f'dan il-kunċert.

Preżenti għal din is-serata kien hemm ukoll l-Arċiprit Mons. Salv Borg, Kanoniċi u Kleru; l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan L-E.T. Dr. Alex Cachia Zammit, l-Onor. Anton Tabone, Ministru għal għawdex u s-Sindku tar-Rabat is-Sur Victor Galea Pace.

Fil-bidu tal-programm għamel kelmtejn ta' introduzzjoni s-Sur Carmel Grech, filwaqt li l-Kav. Joe M. Attard ta tagħrif meħtieġ fuq it-tieni parti tal-programm.●

## *Programme*

| | | |
|---|---|---|
| **Anon.** | *Vexilla Regis* | Coro S.A.T.B |
| **A. Stradella** | *Pietá Signore* | Rosabelle Pavia (Soprano) |
| **S. Mercadante** | *Salve Maria* | Tsutomu Omae (Tenore) |
| **J. Galea** | *Improperia*<br>*Crux Fidelis* | Yvonne Galea (Soprano)<br>Noel Galea (Basso)<br>Coro S.A.T.B. |
| **A. Vivaldi** | *Sonata V*<br>*Largo - Allegro*<br>*Largo - Allegro* | S. Abdilla Joslin (Violoncello) |
| **J.S. Bach** | *Bist du bei mir*<br>*Erbarme Dich*<br>*(Matthew's Passion)* | Eva Krammer (Mezzo Soprano)<br>S. Abdilla Joslin<br>J. Galea (Continuo) |

| | | |
|---|---|---|
| **G. Rossini** | *Stabat Mater*<br>Yvonne Galea (Sop. I.)<br>Rosabelle Pavia (Sop. II)<br>Tsutomu Omae (Tenore)<br>Noel Galea (Basso)<br>Chorus Urbanus | **Highlights** |
| **Introduzione** | *Stabat Mater* | Quartetto e Coro S.A.T.B. |
| **Aria** | *"Cuius Animam"* | Tenore |
| **Duetto** | *"Quis es Homo"* | Sop. I<br>Sop. II |
| **Aria** | *"Pro Peccatis"* | Basso |
| **Cavatina** | *"Fac ut portem"* | Sop. II |
| **Aria** | *"Inflammatus et Accensus"* | Sop.I<br>Coro S.A.T.B. |

Director: **John Galea**

# IL-GRUPP FOLKLORISTIKU ASTRA FL-EGITTU

Għat-tieni sena konsekuttiva il-Grupp Folkloristiku Għawdxi "ASTRA" dan l-aħħar ġie mistieden sabiex jagħti mirjet folkloristiċi fl-Eġittu fuq stedina ta' l-Ambaxxatur Malti is-Sur Ives DeBarro. Fil-Kajr il-Grupp attenda għall-ftuħ ta' l-Ambaxxata ġdida Maltija. Fost dawk preżenti kien hemm membri tal-korp diplomatiku flimkien ma diversi maltin li attwalment jgħixu fl-Eġittu.



Wara l-Grupp ASTRA kompla ż-żjara tiegħu fil-belt ta' Alexandria fejn kien



ospitat mill-Konslu Onorarju Malti, is-Sur Samir El Alaily. F'din il-belt turistika l-grupp ta mhux inqas minn tlett wirjiet folkloristiċi lil mijiet ta' mistednin distinti. Dawn l-ispettakli folkloristiċi kienu ppreżentati fil-ġonna Internazzjonali ta' Lixandra, fiċ-Ċentru Kulturali El Hanfoushi u finalment ġewwa fortizza tas-seklu ħmistax, magħrufa bħala Qait Bay Fort. F'Lixandra l-Grupp kellu laqgħa kordjali ħafna mas-Segretarju tat-Turiżmu u bosta personalitajiet distinti fil-kamp turistiku u dak soċjali.

Il-mawra tal-grupp Għawdxi kompliet f'Port Said fejn hawn ukoll il-Grupp ASTRA ppreżenta l-ispettaklu tiegħu f'likanda ewlenija fiċ-ċentru ta' din il-belt.

Il-Grupp żar diversi postijiet ta' interess, saħansitra dawra fuq vapurett fuq il-Kanal Suez. Fil-Kajr il-Grupp żar il-famużi piramidi ta' Giza, mużewijiet, il-Bażilika famuża dedikata lil San Ġorġ Martri u ċentri turistiċi oħra.

Il-Grupp ASTRA kien jikkonsisti fi tmieja u għoxrin element, fosthom mużiċisti, żeffiena u kantanti. Għal din il-mawra, il-Grupp ASTRA kien immexxi mid-Direttur Artistiku tiegħu, Manuel Grima.

# *Xogħol Fuq il-Kampnar*

Wara ħafna taqtiegħ ta' qalb u diffikultajiet, beda x-xogħol propju tat-twaqqiħ u l-bini mill-ġdid tal-Kampnar tal-Bażilika. Ġie rinforzat l-iscaffolding li kien hemm sabiex jiġi assigurat li x-xogħol jitwettaq bl-inqas periklu. Sa' llum tħattew il-pilastri u inbnew mill-ġdid, u inbnew ukoll l-erba' arkaturi u tpoġġew dil-post il-qniepen. Fil-ġranet li ġejjin jitpoġġew il-kapitelli, u l-bqija tal-ġebel.



Sa dan it-tant, bosta kienu dawk il-persuni, membri tal-Komunita' Parrokkjali ta' San Ġorġ li taw l-għotjiet tagħhom b'risq din l-opra li qed titwettaq. Kull min irid jagħti l-għotja tiegħu huwa mitlub li jgħaddiha fl-Uffiċċju Parrokkjali jew jagħtiha lil xiSaċerdot tal-Parroċċa.

Rapport iktar dettaljat, dwar dan ix-xogħol kbir jingħata fil-Ħarġa li jmiss tal-"Belt Victoria" li tkun ukoll il-Ħarġa tal-Festa.

## Ħames Baned Maltin
### għall-Festa ta' San Ġorġ Martri f'Għawdex

Ħames Baned Maltin ġew mistiedna jieħdu sehem fil-Festa tal-Qaddis Patrun t'Għawdex, San Ġorġ Martri, li se ssir fil-belt Victoria bejn is-7 u s-16 ta' Lulju. Il-Baned huma l-Filar. King's Own tal-Belt Valletta, il-Banda Sliema, il-Banda Dekana L'Isle Adam tar-Rabat, il-Banda Anici ta' Ħal-Qormi u l-Banda San Gejtani tal-Ħamtun.

Magħhom ovvjament tingħaqad il-Banda Ċittadina La Stella li bħas-snin imgħoddija se jkollha l-akbar sehem fis-servizzi tal-festa. Dan peress li s-Soċjetà hija uffiċċjalment responsabbli mill-organizzazzjoni tal-festi ta' barra b'kuntratt li kien sar bejnha u bejn l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi fl-1882. Dan kien l-ewwel ftehim tax-xorta tiegħu li kien sar fid-Djoċesi Għawdxija.

Il-Festa ta' San Ġorġ Martri hija tradizzjonalment meqjusa bħala waħda mill-aktar manifestazzjonijiet popolari f'dawn il-gżejjer. Eluf ta' dilettanti tal-festa minn kull rokna ta' Malta u għawdex, u magħhom numru sabiħ ta' emigranti, ta' kull sena jissaħħru wara l-funzjonijiet solenni li jsiru f'ġieh il-Qaddis fil-Bażilika, kif ukoll mid-daqq tal-marċi, il-logħob tan-nar, l-armar, it-tiġrijiet tal-bhejjem, il-briju u l-ispettaklu tant assoċjat ma' din il-festa ewlenija tal-gżira Għawdxija.

Il-qofol tal-Festa ta' San Ġorġ Martri jintlaħaq il-Ħadd 16 ta' Lulju bil-parteċipazzjoni ta' ħames baned f'ħinijiet differenti matul il-ġurnata kollha.

A+M PRINTING LTD. - QALA